MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2009

Numru 78/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Alfred Degorgio**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Alfred Degorgio ta' 63 sena, iben John u Theresa mitwielda Cuschieri, imwieled il-Gzira (Malta) nhar it-02 ta' Ottubru, 1946 u residenti Nru. 04 Rickland, Triq Akacja, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' numru 0817446(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar is-07 ta' Novembru, 2008 ghall-habta ta' l-10.00 a.m. waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni **MAD 707** ta' l-
ghamla Toyota fi Triq in-Naxxar, Hal Lija u f' inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin;

1. B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Methusalem Saliba li ghandu numru tal-identita' 0160048(M) u dan skond kif iccertifikat Dr. Bernice Vella M.D. (Reg. No. 5150) ta' l-Isptar Mater Dei meta dan kien qed jaqsam fuq minn post fejn jaqsmu n-nies bil-pass,

2. Saq b' manjiera traskurata, bla kont u perikoluz,

3. Saq l-istess vettura b' velocita eccessiva,

4. U aktar talli sar recidiv b' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi huma defenittivi.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f' kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi Alfred Degorgio milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-30 ta' April, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi salv illi in kwantu jirrigwarda it-

tieni (2) akkuza huwa qed jinstab hati biss ta’ sewqan traskurat u mhux ta’ sewqan perikoluz.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat kif ukoll il-fatt li fl-udjenza tat-30 ta’ April 2009 il-parti civili Methusalem Saliba iddikjara li huwa m’ghadux ibati konsegwenzi minhabba l-griehi li sofra fl-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 225, 226, 216 u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 127 tal-Avviz Legali 129/97 tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi, salv li in kwantu jirrigwarda it-tieni (2) akkuza huwa qed jinstab hati limitatament in kwantu jirrigwarda sewqan traskurat u

b’appplikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax (18)-il xahar millum. Il-Qorti inoltre qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal zmien xahrejn millum.

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fi zmien moghti mill-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------